MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 558/2011

**Fogg Insurance Agencies Ltd (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Michael Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Lulju 2011, fejn intalab li l- konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, erba' mija, tlieta u disghin Ewro sitta u ghoxrin centezmi (€1,493.26c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-22 ta’Novembru 2011, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija, tlieta u disghin Ewro sitta u ghoxrin centezmi (€1,493.26c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------